



Brussell, 18 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16644/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0307(COD)

CODEC 2459
MI 1116
COMPET 1259
EDUC 477
PE 156

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tar-rikonnoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-11 sal-14 ta' Diċembru 2023)

I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), ir-rapporteur Adam BIELAN (ECR, PL) ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emendi numru 1 sa 15) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq, li għaliha kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Diċembru 2023, il-plenarja adottat din l-emenda ta' kompromess (l-emendi numru 1 sa 15) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif stabbilita fl-Anness ta' dan id-dokument¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2023)0447

Rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija (COM(2023)0502 – C9-0324/2023 – 2023/0307(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0502),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 46, 53(1) u 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0324/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2023¹,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-22 ta' Novembru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0381/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ġisb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-12 ta' Diċembru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Direttiva (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li temenda l-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tar-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46, l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 62 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ L-Opinjoni tal-25 ta' Ottubru 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023.

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-drittijiet miksuba għar-rikonoxximent ta' ċerti kwalifiki professjonali maħruġa fir-Rumanija lill-infirmiera responsabbli mill-kura ġenerali.
- (2) L-infirmiera responsabbli għall-kura ġenerali li t-taħriġ tagħhom ma ssodisfax ir-rekwiżiti minimi skont id-Direttiva 2005/36/KE u li beda qabel *id-data* tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-*Unjoni*, jistgħu jibbenefikaw minn rikonoxximent skont l-Artikolu 33a tad-Direttiva 2005/36/KE jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fiha. ■

³ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

- (3) *Għadd ta' Stati Membri ospitanti rrikonoxxew il-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija li l-kwalifiki tagħhom ma ssodisfawx ir-rekwiżiti biex jibbenefikaw mir-rikonoxximent skont l-Artikolu 33a tad-Direttiva 2005/36/KE għall-fini ta' aċċess għall-istess professjoni f'dak l-Istat Membru. Dawk l-Istati Membri ospitanti applikaw, għal dan l-għan, jew ir-regoli ta' rikonoxximent skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew is-sistema ġenerali stipulata fl-Artikoli 10 sa 14 ta' dik id-Direttiva. Dik is-sistema ġenerali ġiet applikata bil-fehim li l-infermiera mħarrġa fir-Rumanija jistgħu jibbenefikaw minn dik is-sistema ġenerali bl-istess mod bħall-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mhux imħarrġa fir-Rumanija li l-kwalifiki tagħhom ma ssodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 33 ta' dik id-Direttiva, li huwa msemmi fl-Artikolu 10, il-punt (b) ta' dik id-Direttiva. Sabiex jiġu protetti tali drittijiet miksuba u biex jiġu ppreservati l-aspettattivi leġittimi ta' dawk l-infermiera li bbenefikaw minnhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe rikonoxximent bħal dan tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera mħarrġa fir-Rumanija li l-kwalifiki tagħhom ma ssodisfawx ir-rekwiżiti tal-verżjonijiet differenti tal-Artikolu 33a tad-Direttiva 2005/36/KE applikabbli sad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jibqa' validu. Barra minn hekk, sabiex jittejbu ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-fatt li l-valutazzjoni skont l-Artikoli 10 sa 14 tad-Direttiva 2005/36/KE għandha tiġi applikata fis-sitwazzjoni fejn il-kwalifiki tal-infermier ma jissodisfawx ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 33a tad-Direttiva 2005/36/KE, kif emendat b'din id-Direttiva, jenħtieġ li tiġi inkluża referenza speċifika għal dak l-Artikolu emendat fl-Artikolu 10, il-punt (b), tad-Direttiva 2005/36/KE.*

- (4) Ir-Rumanija stabbiliet programm speċjali ta' aġġornament biex tippermetti lill-parteċipanti jaġġornaw il-kwalifiki professjonali tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi kollha ta' taħriġ stabbiliti għall-professjoni ta' infermieri responsabbli għall-kura ġenerali fid-Direttiva 2005/36/KE. Għal dak l-għan, ir-Rumanija kkollaborat minn qabel ma' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni.
- (5) Ir-Rumanija introduċiet il-programm ta' aġġornament speċjali permezz tal-Ordni Konġunta Nru 4317/943/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali u tal-Ministru għas-Saħħa⁴. Dan ġie approvat mill-Ordni Rumena Nru 5114/2014 tal-Infermiera, tal-Qwiebel u tal-Assistenti Medici u mill-Ordni tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali⁵.
- (6) Il-programm speċjali ta' aġġornament ġie stabbilit għad-detenturi tal-prova tal-kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 33a tad-Direttiva 2005/36/KE, kif ukoll għad-detenturi ta' prova ta' ċerti kwalifiki postsekondarji elenkati fl-Artikolu 4 tal-Ordni Nru 5114/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali.

⁴ L-Ordni Konġunta Nru 4317/943/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali u tal-Ministru għas-Saħħa tal-11 ta' Awwissu 2014 dwar l-approvazzjoni tal-programm ta' aġġornament speċjali għat-taħriġ inizjali ta' infermieri responsabbli għall-kura ġenerali miksub qabel l-1 ta' Jannar 2007 għall-gradwati tal-edukazzjoni postsekondarja u tal-edukazzjoni għolja (Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija Nru 624 tas-26 ta' Awwissu 2014).

⁵ L-Ordni Nru 5114/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni tal-metodoloġija għall-organizzazzjoni, għat-twettiq u għat-tlestija tal-programm ta' aġġornament speċjali għat-taħriġ inizjali ta' infermieri responsabbli għall-kura ġenerali miksub qabel l-1 ta' Jannar 2007 għall-gradwati tal-edukazzjoni postsekondarja (Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija Nru 5 tas-6 ta' Jannar 2015).

- (7) Ir-Rumanija ppreżentat ir-riżultati tal-programm ta' aġġornament speċjali fl-2018 lill-grupp ta' esperti rilevanti, jiġifieri l-Grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, u wara l-konsultazzjonijiet, l-ebda Stat Membru ma oġġezzjona għall-proposta li l-gradwati ta' dak il-programm jenħtieġ li jibbenefikaw minn reġim ta' rikonoxximent aktar favorevoli.
- (8) Fil-11 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ppubblikat, skont l-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, rapport dwar ir-riżultati tal-programm ta' aġġornament speċjali. Dak ir-rapport ikkonkluda li r-Rumanija kienet implimentat il-programm ta' aġġornament speċjali nnegozjat minn qabel mal-Istati Membri biex tippermetti lill-parteċipanti tiegħu jtejbu l-kwalifiki tagħhom biex jilhqqu r-rekwiżiti minimi stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE.
- (9) Sabiex il-programm ta' aġġornament speċjali jiġi inkluż fil-kriterji għar-rikonoxximent abbażi tad-drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija, jixraq li jiġi emendat l-Artikolu 33a tad-Direttiva 2005/36/KE sabiex l-infermiera bi prova rilevanti tat-tlestija tal-programm ikunu jistgħu jibbenefikaw minn rikonoxximent mingħajr il-ħtieġa li jagħtu prova tal-esperjenza professjonali fir-Rumanija, kif inhu l-każ bħalissa.
- (10) Għalhekk id-Direttiva 2005/36/KE jenħtieġ li tiġi emendata ■ skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2005/36/KE hija emendata ■ kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għal tobba b'taħriġ bażiku, tobba speċjalizzati, infermiera responsabbli għas-saħħa ġenerali, dentisti, dentisti speċjalizzati, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti, meta l-migrant ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' prattika professjonali effettiva u legali msemmija fl-Artikoli 23, 27, 33, 33a, 37, 39, 43 u 49;"

(2) l-Artikolu 33a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 33a

Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija

1. Fir-rigward tal-kwalifika Rumena bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali, id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet miksuba stabbiliti fil-*paragrafu 2* biss għandhom japplikaw.

2. Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li kienu mħarrġa bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali fir-Rumanija u li t-taħriġ tagħhom ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala prova suffiċjenti:

(a) kwalunkwe prova tal-kwalifiki formali minn dawn li ġejjien bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, dment li dik il-prova tkun akkumpanjata minn ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini tal-Istat Membru kienu effettivament u legalment qed jeżerċitaw attivitajiet ta' infermiera responsabbli għall-kura ġenerali fir-Rumanija, u li kienu responsabbli bis-siġh għall-ippjanar, għall-organizzazzjoni u għat-twettiq tal-kura tal-pazjenti bħala infermiera, għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ ta' ċertifikat:

(i) *Certificat de competențe profesionale de asistent medical generalist* b'edukazzjoni postsekondarja miksuba minn *școală postliceală*, li jattesta taħriġ li beda qabel l-1 ta' Jannar 2007;

(ii) *Diplomă de absolvire de asistent medical generalist* bi studji ta' edukazzjoni oġhla fi żmien qasir, li tattesta taħriġ li beda qabel l-1 ta' Ottubru 2003; **jew**

(iii) *Diplomă de licență de asistent medical generalist* bi studji ta' edukazzjoni ogħla fi żmien twil, li tattesta taħriġ li beda qabel l-1 ta' Ottubru 2003;

(b) *kwalunkwe* prova ta' kwalifika formali *elenkata fil-punti (ii) u (iii) tal-punt (a)*, dment li tali evidenza tkun akkumpanjata mill-evidenza li ġejja ta' kwalifika formali miksuba abbażi ta' programm ta' aġġornament speċjali:

■ *Diplomă de licență* imsemmija fl-Artikolu 3(2) tal-Ordni Konġunta Nru 4317/943/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali u tal-Ministru għas-Saħħa tal-11 ta' Awwissu 2014 dwar l-approvazzjoni tal-programm ta' aġġornament speċjali għat-taħriġ inizjali ta' infermiera responsabbli għall-kura ġenerali miksub qabel l-1 ta' Jannar 2007 għall-gradwati tal-edukazzjoni postsekondarja u tal-edukazzjoni għolja (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija Nru 624 tas-26 ta' Awwissu 2014), flimkien ma' Suppliment għad-Diploma li jiddikjara li l-istudent ikun lesta l-programm ta' aġġornament speċjali; jew

- (c) *kwalunkwe prova tal-kwalifiki formali ta' livell postsekondarju elenkata fl-Artikolu 4 tal-Ordni Nru 5114/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali dwar l-approvazzjoni tal-metodoloġija għall-organizzazzjoni, għat-twettiq u għat-tlestija tal-programm ta' aġġornament speċjali għat-taħriġ inizjali ta' infermiera responsabbli għall-kura ġenerali miksub qabel l-1 ta' Jannar 2007 għall-gradwati tal-edukazzjoni postsekondarja (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija Nru 5 tas-6 ta' Jannar 2015), dment li tali prova tkun akkumpanjata mill-evidenza li ġejja ta' kwalifika formali miksuba abbażi ta' programm ta' aġġornament speċjali:*

Certificat de revalorizare a competențelor profesionale msemmi fl-Artikolu 3(1) u fl-Anness 3 tal-Ordni Konġunta Nru 4317/943/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali u tal-Ministru għas-Saħħa u fl-Artikolu 16 tal-Ordni Nru 5114/2014 tal-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali.";

(3) *jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"Artikolu 33b

Il-validità tad-drittijiet miksuba qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]

L-Istati Membri ospitanti għandhom jiggarrantixxu l-validità tar-rikonoxximent tal-kwalifika Rumena bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali mogħtija skont l-Artikoli 10 sa 14 ta' din id-Direttiva qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] fil-każ ta' nazzjonali ta' Stati Membri li kienu mħarrġa bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali fir-Rumanija u li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti ta':

(a) l-Artikolu 33a ta' din id-Direttiva fil-verżjoni fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007; jew

(b) l-Artikolu 33a ta' din id-Direttiva, kif emendat bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

** Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132)."*

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa ... [*sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] **■** . Għandhom *minnufih* jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww il-*miżuri*, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif għandha ssir it-tali referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-*miżuri* prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
